# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju, 2019**

**Numru 18**

**Rikors Numru 274/19TA**

**Flo Limited (C 83619)**

**vs**

**LBV Limited (C 72674)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta' Attriċi tat-13 ta' Mejju 2019 maħluf mill-Avukat Graziella Bezzina fl-istess ġurnata li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"1. Illi s-soċjeta` rikorrenti, li għandha operat tagħha wkoll ġewwa Sqallija, l-Italja, twettaq xogħol ta' manifatturar ta' materjal u oġġetti li jintużaw fi proġetti ta' kostruzzjoni u siti ta' żvilupp; u

2. Illi s-soċjeta` intimata applikat għal, ngħatat, diversi proġetti u *tenders* minn diversi Kunsilli Lokali in rigward xogħolijiet ta' abbelliment, u *refurbishment* f'diversi inħawi madwar Malta, fosthom il-Mellieħa, l-Mdina u lokalijiet oħra; u

3. Illi in segwitu għall-għotja tal-imsemmija *tenders* u proġetti lis-soċjeta` intimata, is-soċjeta` rikorrenti, fuq inkarigu tas-soċjeta` intimata, immanifatturat u installat diversi oġġetti u strutturi li ntużaw f'siti ta' abbelliment fil-Gżejjer Maltin, fosthom f'proġetti li ġew kkummissjonati lis-soċjeta` intimata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieha, inkluż f'proġetti bhal "*Upgrading of Stairway/Pasageway, sited between Triq Dun Frangisk Sciberras and Triq il-Marfa, Mellieha*"; u

4. Illi minkejja illi s-soċjeta` rikorrenti kkonsenjat il-materjal u strutturi ordnati, u wettqet ix-xogħolijiet mitluba, u dan kif ordnat u miftiehem a sodisfazzjon tas-soċjeta` intimata li kkummissjonat tali xogħolijiet, is-soċjeta` intimata naqset milli twettaq il-ħlas dovut lis-soċjeta` rikorrenti; u

5. Illi s-soċjeta` intimata hija debitriċi tas-soċjeta` rikorrenti għal dawn ix-xogħolijiet fl-ammont ta' sebgħa u ħamsin elf, seba' mija u ħmistax-il Euro (€57,715.00), oltre VAT fuq dan l-ammont, rappreżentanti l-valur ta' materjal u oġġetti li ġew ikkonsenjati u installati fuq struzzjonijiet tas-soċjeta` intimata f'diversi lokalitajiet, fosthom Mellieħa u Mdina, u liema ammont huwa kopriz mis-segwenti, u cioe` tmienja u tletin elf u tmien mija u ħamsin Euro (€38,850) u VAT fuq dan l-ammont ghal progett imwettaq ġewwa l-Mellieħa, in kwantu għal elf u tlett mitt Euro (€1,300) u VAT fuq dan l-ammont għal proġett li sar fuq moll, u ħamest elef u ħames mitt Euro (€5,500) in rigward spejjeż ta' polza ta' assigurazzjoni li s-soċjeta` rikorrenti kienet meħtiega li takkwista specifikatament in rigward dawn il-proġetti kkummissjonati lilha mis-soċjeta` intimata; u

6. Illi s-soċjeta` intimata, ghalkemm ġiet interpellata sabiex twettaq il-ħlas tal-ammont imsemmi, baqgħet inadempjenti, u l-ammont mitlub mis-soċjeta` rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut; u

7. Illi r-rapprezentant tas-soċjeta` rikorrenti qed bil-ġurament tagħha tiddikjara illi fil-fehma tagħha s-socjeta` intimata ma għandhiex difiża x'tagħti kontra t-talba tagħha;

Għaldaqstant, is-soċjeta` rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħgobha:

1. Tgħaddi sabiex tiddeciedi u tilqa' it-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti bid-dispensa mis-smiegħ tal-kawża b'applikazzjoni ta' Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tordna u tikkundanna lis-soċjeta` intimata tħallas lis-soċjeta` rikorrenti s-somma ta' sebgħa u ħamsin elf, seba' mija u ħmistax-il Euro (€57,715.00), inkluż il-VAT fuq dan l-ammont, rappreżentanti l-valur ta' xogħolijiet imwettqa mis-soċjeta` rikorrenti fuq inkarigu ta' dik intimata,

> inkluż strutturi u oġġetti li ġew ikkummissjonati mis-soċjeta` intimata, u li gew manifatturati, ikkonsenjati u installati fuq struzzjonijiet u a sodisfazzjon tas-soċjeta` intimata.
>
> Bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali kontra s-soċjeta` intimata, li r-rappreżentant tagħha huwa nġunt għas-subizzjoni."

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' April, 2019;

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2019 is-Soċjeta' Konvenuta tat ruħha notifikata bir-rikors u mozzjoni tas-smiegħ;

Rat li f'dik is-seduta s-Soċjeta' Attriċi rriduċiet l-ammont li qiegħed jintalab, filwaqt li s-Soċjeta' Konvenuta permezz ta' nota ammettiet it-talbiet attriċi kif ridotti;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Konsiderazzjoni**

F'din il-kawża ma tantx hemm xi tgħid. La darba s-Soċjeta' Konvenuta ammettiet it-talbiet attriċi fl-ammont kif ridott, jidher ċar li t-talbiet attriċi ghandhom jintlaqgħu. Fiċ-ċirkostanzi ma hemmx lok li din il-Qorti tipprovdi dwar l-ewwel talba attriċi.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qedgħha ghar-ragunijiet fuq imsemmija taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:-

**Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba;

**Tilqa'** t-tieni talba billi tikkundanna lis-Soċjeta' Konvenuta tħallas lis-Soċjeta' Attriċi l-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf u għaxar Euro (€54,010), inkluż il-VAT fuq dan l-ammont rappreżentanti l-valur ta' xogħolijiet imwettqa mis-Soċjeta` Attrici fuq inkarigu ta' dik Konvenuta, inkluż strutturi u oġġetti li ġew ikkummissjonati mis-Soċjeta` Konvenuta, u li gew manifatturati, ikkonsenjati u installati fuq struzzjonijiet u a sodisfazzjon tas-Soċjeta` Konvenuta bl-imgħaxijiet legali minn meta ġie preżentat ir-rikors ġuramentat sal-pagament effettiv.

**Spejjez** tal-kawza jitħallsu mis-Soċjeta' Konvenuta.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**